**15 ta' Mejju, 1995**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Salvatore Camilleri

*versus*

Alfred P. Farrugia *noe*

## Depożitu Bankarju f'Librett ghall-Portatur - Serq tal-Librett - "Proprjeta`" tat-Titolu Innominat

*Ma jidhirx li huwa ġuridikament korrett li jinghad illi jekk il-librett ta' depożitu nnominat jintilef jew jiġi distrutt, jintilef ukoll kull dritt fil-konfront tal-bank li jkun irċieva d-depożitu u hareġ il-librett.*

*Il-ġurisprudenza preponderanti ta' din il-Qorti ghal dawn l-ahhar snin hija fis-sens li jekk ikun hemm provi tajba u konvinċenti allura huwa*

*possibbli li l-persuna li titlef, b'xi mod jew ieħor, il-librett innominat tkun tista' tottjeni mingħand l-awtorita' ġudizzjarja dikjarazzjoni ta' "appartenenza".*

*Qed jingħad "appartenenza" għaliex fil-każijiet kongruwi l-Qorti tara li mhux biss il-"proprjetarju" iżda anke biss "possessur" jew inkellla "detentur" jista' jottjeni dikjarazzjoni ta' appartenenza lilu tal-librett innominat.*

Il-Qorti:-

L-attur fl-att ta' ċitazzjoni espona illi huwa ddepożita fl-*Apostleship of Prayer Savings Bank* (illum APS Bank) tal-kumpannija konvenuta somma flus f'*bearer booklet* numru B3/12220 u fil-mument li l-att ġie pprezentat kien hemm bilanċ favur l-attur ta' madwar tlett elef u sitt mitt lira (Lm3600). Dan il-librett insteraq u nħaraq minn persuni magħrufa u l-Bank ġie informat, pero' l-istess Bank talab lill-attur biex jottjeni dikjarazzjoni u awtorizzazzjoni mill-Qorti. *Għalhekk l-attur talab lill-Onorabbli* Qorti tal-Kummerċ biex (a) tiddikjara li l-attur huwa l-uniku proprjetarju tal-flus depożitati fil-librett għall-portatur imsemmi bl-ammont favur tiegħu ta' madwar tlett elef u sitt mitt lira (Lm3600); (b) tordnalha wkoll li tirrilaxxja lill-attur is-somma ddepożitata ta' Lm3600 u l-imgħax li laħaq akkumula, okkorrendo, wara li l-attur jagħti dawk il-garanziji favur l-APS Bank li l-Qorti jidhrilha xieraq li timponi;

Il-Bank oppona illi d-depożitu, kif allegat, tpoġġa f'forma ta' librett bid-dritt favur min ikollu dak il-librett *titolo al portatore* u *għalhekk huwa marbut biex jirrifondi jew iħallas lil dik il-persuna* li tippreżenta lill-bank dak l-istess librett; liema persuna tista' ma tkunx l-attur, allegat "proprjetarju" tal-librett;

Fit-28 ta' Jannar, 1993 l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ iddisponiet mill-kawża u qalet hekk:

"Ikkunsidrat li din hi kawża dwar akkont *bearer* li kien f'isem l-attur li jallega li l-ktieb tad-depożitu nurmu B3/12220 insteraqlu u meta talab lill-Bank konvenut biex jirrilaxxjalu d-depożitu relattiv ta' ċirka Lm3600 piu l-imgħaxijiet, l-imsemmi konvenut *nomine* ddeklina. Fil-fatt fil-kawża in diżamina, l-Bank konvenut għadu jsostni li huwa prekluż milli jħallas jekk mhux kontra l-preżentata tal-librett li tiegħu hu proprjetarju min jippossjedih materjalment;

Din il-materja kienet soġġetta għal diversi deċiżjonijiet mill-Qrati tagħna u l-aħħar insenjament kondiviż u addottat f'deċiżjonijiet oħra minn din il-Qorti huwa fis-sens li għalkemm huwa minnu li librett *bearer* jikkostitwixxi titolu għall-portatur, b'dana kollu dan ma jfissirx li jekk depożitant jipprova li ġie sprovvist mil-librett minħabba xi ħaġa kontra l-volonta` tiegħu, allura huwa m'għandu qatt id-dritt li jirreklama flusu lura anke taħt garanzija adegwata u meta l-provi jkunu jiġġustifikaw tali rilaxx. Il-Qorti hawn tagħmel riferenza għall-kawża **Giuseppi Grech *vs* Avukat Dr. R. Farrugia *noe et*** mogħtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 1992 u oħra preċedenti ta' l-istess Qorti in re **Gaetano Abdilla *noe vs* Dr. Farrugia *noe et*** tat-23 ta' Marzu, 1992;

Illi, naturalment sabiex tirnexxi tali azzjoni, l-ewwel trid issir il-prova li ma kien hemm ebda kollużjoni, malafede jew xi forma oħra ta' qerq mid-depożitant;

*Omissis*;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, tilqa' t-talbiet kollha attriċi b'dan pero', li għall-fini tar-raba' talba li l-attur ikun ikkostitwixxa favur il-Bank konvenut garanzija adegwata biex l-istess Bank jiġi indennizzat għal kull dannu li jista' jsofri jekk huwa jiġi mġiegħel b'sentenza ta' dawn il-Qrati - sa żmien ħames (5) snin mil-lum - u dejjem kemm-il darba jkun imġiegħel u obbligat li jirrifondi l-kapital u l-interessi. F'dak il-proċess, il-Bank ikun obbligat isejjaħ fil-kawża lill-attur jew aventi kawża tiegħu u din għandha tkun kundizzjoni tal-garanzija li l-istess attur għandu jikkostitwixxi favur il-Bank konvenut. Il-kap ta' l-ispejjeż tenut kont taċ-ċirkostanzi jitħallsu interament mill-attur";

Il-bank appella u ssottometta illi (a) ma saritx prova komplessiva li l-librett innominat ġie misruq u maħruq; (b) id-dritt tal-portatur tal-librett, fil-konfront tal-bank, m'huwiex limitat għal żmien ħames snin; (ċ) jekk il-librett kien distrutt għax maħruq, garanzija ma kinitx neċessarja; (d) illi għandu jiġi segwit dak li ġie deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-4 ta' Mejju, 1970 **Alfred Pace Bellizzi *vs* Louis Galea *nomine***;

Fir-risposta tiegħu għall-appell tal-bank, l-attur interpona appell inċidentali u talab li titneħħa l-garanzija imposta fuqu u li, fi kwalunkwe każ, ħames snin huma twal wisq. Barra dan m'għandux jiġi kkundannat iħallas spejjeż;

Is-sentenza appellata sostanzjalment segwiet is-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Marzu, 1992 **Gaetano Abdilla *nomine vs* Dottor Riccardo Farrugia *nomine*** u mhux dik tal-Qorti tal-Kummerċ imsemmija mill-bank - **Pace Bellizzi *vs* Galea nomine** ta' l-4 ta' Mejju, 1970 u għalhekk hemm differenzi fil-

perspettiva ġuridika li jridu jiġu nnutati;

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa ġuridikament korrett li jingħad illi jekk il-librett ta' depożitu innominat jintilef jew jiġi distrutt, jintilef ukoll kull dritt fil-konfront tal-bank li jkun irċieva d-depożitu u ħareġ il-librett għaliex il-librett biss jikkostitwixxi l-unika prova assoluta u legali għad-dritt għall-ħlas ta' kull ammont li jista' jirriżulta fl-istess librett;

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-4 ta' Ottubru, 1990 kkonfermata min din il-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Marzu, 1992 **Abdilla *vs* Dottor Farrugia *nomine***, ġa' msemmija, jingħad:

"M'hemmx dubbju li ċertifikati (fil-każ preżenti, librett) ta' depożitu innominat, huma titoli għall-portatur .... u għalhekk il-pussess ta' l-istess, ċertifikat (librett) huwa titolu biżżejjed għall-persuna li jkollha f'idejha l-istess ċertifikat, kif jgħid l-artikolu 558 Kapitolu 16 .... Dan il-pussess pero' għandu dan l-effett ta' leġittimita', fil-konfront ta' terzi persuni li jkunu in *buona fede* kif jipprovdi testwalment l-istess artikolu u għalhekk .... il-banka konvenuta avżata ġudizzjarjament b'dak li ssuċċieda u wara din is-sentenza, li għal dan l-aspett, hija favorevoli għall-istess soċjeta' attriċi (f'dan l-appell - l-attur) l-istess banka konvenuta ma tistax tikkonsidra ruħha aktar bħala "terz in *buona fede*";

u anqas, għandu jiżdied, ma tkun tista' l-istess banka konvenuta, wara dan kollu, tikkonsidra li eventwali "portatur" tal-librett innominat, li huwa l-oġġett in kawża, jkun preżunt li huwa detentur in *buona fede* (ara The Word of the Court - Dr. P. Farrugia Randon - Mid-Med Bank Ltd. 1993 Vol. 9 paġni 164-171);

Il-Qorti tiddeplora l-fatt illi fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellanti ssemmi s-sentenza **Pace Bellizzi *vs* Galea *nomine*** u d-deċiżjoni li ngħatat fl-ewwel grad fl-4 ta' Mejju, 1970 u ma jsemmix illi dik is-sentenza ġiet sostanzjalment irriformata minn din il-Qorti b'sentenza tat-30 ta' April, 1971 għaliex b'dan il-mod il-ġudikant, inkluża din il-Qorti, jista' jiġi inopportunatament indirizzat biex jaqbad triq ġurisprudenzjali kontorta, jekk mhux kompletament;

Għalhekk, il-ġurisprudenza preponderanti ta' din il-Qorti għal dawn l-aħħar snin hija fis-sens illi, jekk ikun hemm provi tajba u konvinċenti, u li, jekk ma jeliminawx, almenu jimminimizzaw kull raġonevoli dubbju, allura huwa possibbli li l-persuna li titlef b'xi mod jew ieħor, il-librett innominat tkun tista' tottjeni mingħand l-awtorita` ġudizzjarja dikjarazzjoni ta' "appartenenza". Qed jingħad "appartenenza" għaliex fil-każijiet kongruwi l-Qorti tara li mhux biss il-"proprjetarju" iżda anke "possessur" jonkella "detentur" jista' jottjeni dikjarazzjoni ta' appartenenza lilu, tal-librett innominat;

Naturalment, il-problema ċentrali ta' każijiet bħal dawn tibqa' dejjem dik tal-preġudizzju u dannu li l-bank jista' jsofri minħabba l-fatt illi l-librett innominat, mitluf jew misruq, jista' dejjem jiġi ppreżentat għalbiex issir l-iżbank tal-kontenut;

Bir-rigward kollu għal dak li ntqal minn din il-Qorti f'**Pace Bellizzi *vs* Galea *nomine*** ma jidhirx li tista' tiġi kkondiviża dik il-parti ta' dik is-sentenza li fiha ntqal;

"…. il-proprjetarju spossessat jista' jipproċedi ġudizzjarjament għar-rikonoxximent tiegħu bħala proprjetarju tat-titolu, purche` jipprova dan konklużivament u jipprova wkoll it-telf jew serq li

tiegħu kien vittma u mbagħad **jistenna li tiġi kkompjuta l-preskrizzjoni opportuna biex jekk sadattant ma jkun ippreżenta ruħu ħadd, ikun jista' jġib 'il quddiem id-dritt tiegħu. Fil-frattemp il-Qorti ma tistax taċċetta t-teżi tal-ħlas immedjat kontra garanzija**";

Il-partijiet hawn sottolineati, m'humiex konsoni ma' raġonament prattiku u prudenzjali tal-kwistjoni;

Ma jidhirx li b'xi mod jista' jingħad li hemm xi terminu ta' preskrizzjoni favur il-bank jekk kemm-il darba l-librett innominat ma jiġix ippreżentat għall-iżbank f'xi żmien determinat. Fis-sentenza kkwotata għalkemm issemmiet il-"preskrizzjoni", ebda spjegazzjoni ma ngħatat fuq x'kien maħsub b'dik l-enunċjazzjoni u din il-Qorti, illum, ma tistax issib mod kif taqbel u għalhekk ma tistax telabora fuq l-istess kunċett;

Il-Qorti ma tistax lanqas taqbel li ġaladarba hija tkun irrikonoxxiet lill-attur bħala l-proprjetarju tal-librett innominat, il-konsegwenza m'għandhiex ukoll tkun li huwa għandu d-dritt li jiżbanka bis-saħħa ta' dik id-dikjarazzjoni. Naturalment, f'każijiet eċċezzjonali bħal dawn, il-Bank, wara li jħallas, jikkanċella mir-reġistri *tiegħu d-depożitu* u *meta jiġi l-eventwali "detentur" bil-*librett biex jitħallas, il-bank ikun ġustifikat li ma jħallsux għaliex huwa jkollu kull dritt jobjetta illi (a) huwa ħallas diġa' lil ħaddieħor b'ordni tal-Qorti; u konsegwentement (b) huwa awtorizzat b'dik is-sentenza tal-Qorti, li jirritjeni li "d-detentur" issa jrid jipprova li huwa *in buona fede* intitolat għal dik id-detenzjoni jew pussess għaliex il-preżunzjoni favur tiegħu li hija *juris tantum* bħala effett ta' l-istess titolu (artikolu 448 (1) Kapitolu 16) wara s-sentenza tispiċċa, kif ġuridikament huwa manifest;

Difatti, il-garanzija li din il-Qorti kkonfermat fis-sentenza **Abdilla *vs* Dr. Farrugia *nomine*** favur il-Bank hija garanzija li tiskatta favur il-Bank jekk dan, wara li ssirlu kawża mid-detentur ta' librett innominat li ġie rrifjutat l-iżbank għaliex il-Bank ikun ħallas wara sentenza tal-Qorti u *cio nonostante*, f'dik il-kawża, il-Qorti ssib li d-detentur għandu raġun, huwa u kien *in buona fede*, u li għalhekk, l-ewwel sentenza li ġegħlet il-Bank iħallas kienet żbaljata, huwa f'din l-eventwalita' li l-benefiċjarju ta' l-ewwel sentenza, ikollu jagħmel tajjeb biex il-bank ma jsofri ebda preġudizzju;

Il-bank mhux obbligat iħallas lid-detentur tal-librett innominat meta jkun ġie diġa' ġudizzjarjament deċiż li dak id-"detentur" almenu *prima facie*, m'għandux favur tiegħu l-*buona fede* li l-istess titolu kien normalment jikkonferixxi, għaliex huwa ċar li "detentur" bis-saħħa ta' serq, per eżempju, rikonoxxut u ddikjarat għalkemm mhux effettivament rintraċċjat, ma jakkwista ebda *buona fede* billi jkollu f'idejh il-librett. Huwa daqstant ieħor ukoll ċar, illi l-ewwel ġudizzju, jirriżulta "żbaljat" fis-sens illi provi u fatti sussegwenti għalih, ikkontrollati u affermati fit-tieni ġudizzju, juru li r-"realta' ġuridika" nbidlet jew ikun ġust li għandha tinbidel;

Għalhekk, wara rinnovati ripensamenti fuq din il-problematika kollha, iddeliberati mill-ġdid u riveduti s-sentenzi kollha ppronunzjati u anke l-kritika pubblikata mill-istudjużi bħal dik ta' l-Avukat Dottor Philip Farrugia Randon fid-disa' volum ta' "The Word of the Court", din il-Qorti jidhrilha li għandha tkompli ssegwi it-triq li bdiet biex tiġi ttraċċjata fl-imsemmi sentenza ta' din il-Qorti **Pace Bellizzi *vs* Galea *nomine*** u tkompliet tiġi allargata f'**Abdilla *nomine vs* Dr. Farrugia *nomine***;

Nota minuri imma sinjifikattiva għandha hawnhekk issir illi f'dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena mindu bdiet tiġi rrikonoxxuta l-"proprjeta'" tat-titolu innominat, ebda titolu minn dawk ma qatt ġie ppreżentat biex jeffettwa żbank u ebda minaċċja ta' preġudizzju lill-banek ma avverrat ruħha;

Il-Qorti tifhem illi fil-każ preżenti, billi l-provi jindikaw li l-librett ġie distrutt għaliex inħaraq u għalhekk ma hemmx il-minaċċja li l-bank jista' jiġi kkonfrontat bil-librett innominat, il-garanzija m'hijiex neċessarja. Pero' mill-banda l-oħra ipoteka ġenerali favur il-Bank, bħala garanzija, kif issa qed jiġi speċifikat, imma fit-termini tas-sentenza ta' l-ewwel grad, mhix se tkun preġudizzjevoli għall-attur u din qed tiġi kkonfermata bħala miżura prekawzjonali estrema u in abbondanza, aktar milli ħaġ'oħra;

L-appell fuq il-kap ta' l-ispejjeż m'huwiex attendibbli għaliex il-bank konvenut bilfors irid jitlob dikjarazzjoni ġudizzjarja biex ikun dirett kif għandu jimxi u protett kif imiss. Huwa manifest li għal kull ma ġara, skond ir-regoli ġenerali tad-dritt, għandu jbati l-ispejjeż kollha tal-prim'istanza, l-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tirregola l-appelli - kemm prinċipali kif ukoll inċidentali - b'dan il-mod, billi sostanzjalment tikkonferma s-sentenza appellata u ċjoe' tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' l-ewwel sentenza li l-attur huwa l-proprjetarju ta' kull somma u interessi kif akkumulaw, li fil-ġurnata ta' din is-sentenza jirriżultaw mir-reġistri tal-bank konsegwenti għad-depożitu fil-kont innominat B tlieta żbarra wieħed tnejn tnejn tnejn żero (B3/12220) u kif sussegwentement dan ġie rrinumerat fil-bank konvenut; tikkonferma l-ordni li l-istess bank jirrikonoxxi dak il-fatt billi joħroġ f'isem l-attur librett ta' depożitu bl-ammont indikat, wara li

l-attur jikkostitwixxi ipoteka ġenerali favur il-Bank b'garanzija għal kull dannu li jista' jsofri l-bank, sa l-ammont indikat jekk qatt jiġi b'sentenza kkundannat li jħallas lil ħaddieħor l-istess ammont wara ġudizzju li fih l-istess bank għandu jsejjaħ lill-attur biex jiddefendih;

L-ispejjeż ta' l-ewwel grad għall-attur, dawk ta' l-appell prinċipali għall-bank, dawk ta' l-appell inċidentali għall-attur.